**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 197/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Zerafa)**

**Vs**

**Carl Ciantar**

Illum it-30 ta' Settembru 2020

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Carl Ciantar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 421789M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-1 ta' Mejju, 2019, ghall-habta ta' 04:25 AM gewwa Triq Hal Tarxiena, Paola:

1. Bhala persuna kkundannata f'Malta ghal serq, jew ricettazzjoni, nstab fil-pussess ta' oggetti ohra, li ma kienux tal-kondizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu kif ukoll instabu ghandu mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew jinsabu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal

liema skop legittimu jinsabu ghandu f'dak iz-zmien, u dan bi ksur tal-Artikolu 287 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer, naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. C. Galea LL.D., fid-digriet taghha tad-29 ta' Ottubru, 2017, li bih tat il-helsien mill-arrest. Artikolu 579 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mill-Qorti Kriminali (Malta) Imhallef Dr. E. Grima LL.D., fid-digriet taghha tat-3 ta' Novembru, 2017, li bih tat il-helsien mill-arrest. Artikolu 579 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. D. Frendo Dimech, LL.D., fid-digriet taghha tal-25 ta' Lulju, 2018, li bih tat il-helsien mill-arrest. Artikolu 579 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A.M. Trigona LL.D., fid-digriet taghha tad-19 ta' Frar, 2018, li bih tat il-helsien mill-arrest Artikolu 579 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Gunju, 2019, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 287 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu tlett xhur prigunerija.

Kwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni minhabba n-nuqqas ta' tharis ta' xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuq l-imputat biex inghata l-helsien mill-arrest, rrizultat sodisfacentament pruvata fi tlett kazijiet fid-29 ta' Ottubru, 2017, mill-Magistrat Charmaine Galea, fit-3 ta' Novembru, 2017, mill-Imhallef Edwina Grima, u fil-25 ta' Lulju, 2018, mill-Magistrat Donatella Frendo Dimech, ghaliex f'kaz iehor, il-kopja tal-kundizzjonijiet li pproduciet il-Prosekuzzjoni, dik moghtija mill-Magistrat Tonio Micallef Trigona fid-19 ta' Frar, 2014, mm kenitx ta' kwalita' tajba li tista' tinqara mill-Qorti. ...

Il-Qorti, wara li rat Artikolu 579 (1)(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali 'Il-Pulizija vs Wayne Falzon' deciza mill-Imhallef Joseph Galea Debono fil-31 ta' Lulju, 2008, "illi ladarba saret it-talba mill-Prosekuzzjoni ghar-ri-arrest tal-appellat... din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti mhux biss ma kienetx prekluza milli tordna r-ri-arrest imma kien indikat li hekk kellha taghmel f'dan il-kaz" filwaqt li rrevokat l-ghoti tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti fid-29 ta' Ottubru, 2017, mill-Magistrat Charmaine Galea, fit-3 ta'

Novembru, 2017, mill-Imhallef Edwina Grima u fil-25 ta' Lulju, 2018, mill-Magistrat Donatella Frendo Dimech, ordnat l-arrest mill-gdid tal-hati.

Il-Qorti ordnat li d-depozitu u garanziji f'dawn it-tlett kazijiet li jammontaw ghal total ta' erbatax (14)–il elf ewro jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti cahdet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri stante li ma gewx imqabbda l-ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carl Ciantar, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabitu hati, u filwaqt li tiddikjarah mhux hati, tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena. Alternattivament, u b'mod sussidjarju, tvarja l-piena nflitta, billi timponi piena iktar ekwa u gusta ghall-kaz.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebieti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant iressaq essenzjalment lanjanza unika marbuta mal-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha. Fl-ewwel lok jikkontendi illi huwa kien pprovda ġustifikazzjoni ghall-oġġetti misjuba fil-pussess tiegħu, liema fatt waħdu kellu jeżonerah mir-responsabbilta' kriminali ghar-reat mahsub fl-artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali. In oltre għal dak li jirrigwarda t-tieni mputazzjoni, l-appellant jishaq illi huwa kellu jigi liberat mill-istess billi huwa gie misjub barra wara l-hin ta' rinkazar ghar-ragunijiet ta' sahha. In oltre u *in subsidium* rigward

il-piena nflitta u l-konfiska tas-somma tal-garanziji moghtija minnu fid-digrieti tal-ghoti tal-helsien mill-arrest li dwarhom hu gie misjub hati ta' ksur, jisħaq illi l-Ewwel Qorti għamlet komputazzjoni errata peress illi l-ammont in kwistjoni ma jammontax għal €14,000, apparti l-ilment illi fil-fehma tiegħu l-piena erogata mhijiex ekwa u ġusta fil-konfront tieghu.

Illi sabiex jigi nvestit l-ewwel aggravju imqanqal mill-appellant l-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti processwali minn fejn jemergu is-segwenti fatti probatorji. Jirriżulta illi nhar l-1 ta' Mejju 2019 matul ronda li kienu qegħdin jagħmlu l-pulizija ġewwa Rahal il-Gdid u Ħal-Tarxien għall-ħabta tal-4:30am, huma nnutaw persuna maskili tħares lejn il-vetrina tal-ħanut 'Tom Tailor' li għarfuha bhala il-persuna tal-appellant. Huma staqsewh x'kien qed jagħmel barra f'dawk il-ħinijiet fejn qalilhom illi kien sejjer lejn ic-Centru tas-Sahha u li kien waqaf quddiem il-vetrina tal-ħanut biex jara xi prezzijiet. Il-pulizija nnutaw illi l-appellant kellu baskett fuq dahru fejn kellu xi affarijiet ġo fih li qalilhom illi kienu ta' missieru. Wara li tkellem mal-pulizija huwa baqa' sejjer fid-direzzjoni tac-Centru tas-Sahha, izda l-għada ġie arrestat billi nstab barra wara l-hin ta' rinkazar u dan kif ordnat f'diversi digrieti tal-helsien mill-arrest u wkoll minhabba l-oggetti li instabu fil-pussess tiegħu konnessi ma' serq.

L-appellant jistqarr li f'dik il-lejla kien qed ibati minn qtugh ta' nifs u kien qed jerhilha lejn ic-Centru tas-Sahha sabiex jinghata l-ossigenu bil-pompa. Stqarr ukoll li l-oġġetti li nstabu fuqu kienu fil-pussess tiegħu minħabba argument li kellu ma' persuna ta' nazzjonalita' Libjana li allegatament kien aggredieh għal xejn b'xejn u qabdu minn għonqu u allura kien qed igorrhom mieghu ghad-difiza tieghu. L-appellant izda ma pprovda ebda dettalji dwar din il-persuna kif lanqas ma ghamel rapport lil pulizija dwar din l-allegata aggressjoni. Jishaq li kien waqaf ihares lejn l-vetrina tal-hanut tal-ħwejjeġ fejn gie intercettat mill-pulizija, peress li f'dak iz-zmien iz-zija tieghu li kienet tinstab ghal btala minn barra minn Malta, riedet tixtrilu xi ħwejjeġ u kien qed jara l-prezzijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet analizi approfondita tal-gurisprudenza marbuta mar-reat tal-pussess mhux gustifikat ta' flus u oggetti, fost ohrajn minn persuna gja kkundannata ghal serq jew ricettazzjoni kif mahsub fl-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali, li din il-Qorti a skans ta' repetizzjoni qed taghmilha taghha. Jinghad biss illi sabiex jissussiti dan ir-reat jenhtieg li jigu ppruvat:

1. il-pussess ta' frottijiet, xtieli, jew prodotti oħra tar-raba' jew tal-ġonna, jew ta' flus, jew ta' oġġetti oħra fil-persuna akkuzata, li ma jkunux tal-kondizzjoni tiegħu, jew ta' mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi, jew jinsabu għandu forom ta' serraturi.
2. li l-persuna akkuzata diga' giet misjuba hatja u kkundannata ghar-reat ta' serq jew ricettazzjoni.

L-persuna akkuzata imbaghad tista' tezonera ruhha mill-htija jekk taghti gustifikazzjoni, fuq il-bazi tal-probabbli, ghal dak il-pussess bhala wiehed legittimu.

Issa fil-pussess tal-appellant, meta huwa gie imwaqqaf mill-pulizija, nstabu virga tal-hadid, *plyer* u par kalzetti, ghodda li *ictu oculi* jaghtu wiehed x'jifhem illi dawn jistghu jigu utilizzati fil-kummissjoni tar-reat ta' serq. Illi mhux biss, izda, anke ic-cirkostanzi li fihom l-appellant gie avvistat huma suspettuzi u dan ghaliex fil-hin li rawh il-pulizija huwa suppost kellu jkun rinkazat skond diversi ordnijiet tal-Qorti, u kien wieqaf qed ihares lejn vetrina ta' hanut tal-hwejjeg. Illi gie ppruvat ukoll illi l-appellant kellu precedenti penali marbuta mar-reat ta' serq b'sentenzi tal-qorti li huma esebieti in atti[1].

F'dan il-punt allura sehhet l-inverzjoni tal-provi bl-appellant issa jrid jaghti kont legittimu tal-pussess ta' dawk l-oggetti li nstabu fuqu fil-hinijiet bekrin ta' fil-ghodu. L-appellant ighid li dawn l-oggetti kienu jappartjenu lil missieru u li kienu fuqu ghaliex ried jipprotegi ruhu minn persuna injota ta' nazzjonalita' Libjana li ftit ta' zmien qabel kien hebb ghalih. Illi jidher ċar illi

[1] Dokumenti SZK1 u SZK2

l-Ewwel Qorti m'emmnitx il-ġustifikazzjonijiet li jipprovdi l-appellant dwar l-oġġetti misjuba għandu meta abbinati maċ-ċirkostanzi li fihom nstab. Il-pulizija li intercettaw lill-appellant jghidu illi kif rahom hu għamel ta bir-ruħu li ma ndunax bihom u beda jħares lejn il-ħwejjeġ illi kien hemm fil-vetrina tal-ħanut Tom Tailor.

Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti bhal ma kienet dik ta'l-Ewwel Qorti qabilha, illi din il-ġustifikazzjoni m'għandiex mis-sewwa. L-appellant gie misjub barra mill-pulizija fl-4:30 ta' fil-ghodu liebes *hoodie* u b'virga tal-hadid, *plyers* u par kalzetti go baskett, wieqaf ihares lejn il-vetrina ta' hanut li zgur f'dak il-hin ta' bil-lejl kien maghluq. Jikkontendi l-appellant li kien barra ghaliex kien qed ibati minn qtugh ta' nifs u kellu bzonn imur ghall ossigenu mic-Centru tas-Sahha, izda l-provi ma jindikawx illi dan kellu din l-emergenza iktar u iktar meta kien wieqaf quddiem hanut f'distanza 'il boghod mic-Centru tas-Sahha. Igib din l-iskuża wkoll sabiex jiġġustifika l-fatt li hu nstab barra meta suppost kellu jkun rinkazat.

Huwa minnu illi l-appellant ipprovda dokument[2] li jikkonferma illi hu kien attenda ic-Centru tas-Sahha fil-ħinijiet indikati mill-pulizija sabiex jarah it-tabib, kif ikkonfermat mix-xhud Rose Bonanno, iżda ma hemm ebda konferma li fil-fatt gie invistat minn tabib jew inkella jekk giex moghti l-ossiġenu kif allegat. Dan ifisser allura illi anki għal dak li jirrigwarda t-tieni mputazzjoni, l-allegazzjonijiet miġjuba mill-appellant ma ġewx ippruvati sal-grad rikjest minnu fejn kwindi l-Ewwel Qorti setgħet legalment u ragjonevolment tikkonkludi illi l-appellant kellu jinstab ħati tat-tieni mputazzjoni wkoll.

**Ikkunsidrat:**

Stabbilit illi l-appellant ma ghandux ragun ghar-rigward tal-aggravji marbuta mal-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jifdal biex jigi trattat l-aggravju marbut mal-piena erogata u l-*quantum* ta' depozitu kkonfiskat fit-termini tal-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali. Illi l-appellant

[2] Dokument LVC1

gie misjub hati li kiser tlett digrieti ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest tnejn moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tad-29 ta' Ottubru 2017 (Magistrat Charmaine Galea) u tal-25 ta' Lulju 2018 (Magistrat Donatella Frendo Dimech) u iehor moghti mill-Qorti Kriminali tat-03 ta' Novembru 2017 fejn l-ammont ta' flus stabbilit bhala garanzija huma ta' elf ewro, elfejn ewro u hdax-il elf ewro rispettivament. Illi minn ezami tal-atti jirrizulta illi l-appellant kien diga' gie misjub hati precedentement li kiser l-kundizzjonijiet imposti fuqu f'dawn it-tlett digrieti u dan b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-11 ta' Ottubru 2018, liema sentenza hija esebita in atti u mmarkata bhala Dokument SZX3. F'din id-decizjoni ghalkemm l-appellant kien wehel il-piena ta' sitt xhur prigunerija, madanakollu dik il-Qorti ma applikatx d-disposizzjonijiet tal-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, b'dan ghalhekk illi dawn id-digrieti ma gewx revokati, ma giex ordnat l-arrest mill-gdid tal-appellant u l-garanziji hemmhekk infraskritti ma gewx ikkonfiskati. Dan ifisser allura illi l-appellant, misjub hati ghal darb'ohra permezz ta' din l-istanza ta' ksur gdid ta' dawn id-digrieti, l-Ewwel Qorti setghet tghaddi biex tordna l-arrest mill-gdid tieghu u l-konfiska kif mitlub ukoll ghaliex bl-emendi introdotti permezz tal-Att VIII tal-2015 din il-konfiska hija tassattiva. Illi dan maghdud jidher evidenti illi ma hemm ebda zball fil-komputazzjoni maghmula mill-Ewwel Qorti dwar il-*quantum* tal-depoziti kkonfiskati, kif allegat u kwindi din ser tigi kkonfermata.

Finalment għal dak li jirrigwarda l-*quantum* tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tlett xhur prigunerija, l-appellant ma iressaq ebda mottiv li jista' jwassal li din il-Qorti tvarja l-istess. Jinghad biss illi mill-parti decizorja tas-sentenza impunjata jidher illi huwa gie moghti l-piena ta' tlett xhur prigunerija ghar-reat mahsub fl-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali, filwaqt li ma gie moghti ebda piena ghar-reat mahsub fl-artikolu 579, hlief ghal fatt illi l-Ewwel Qorti ordnat ir-revoka tat-tlett digrieti tal-helsien mill-arrest hawn fuq riferiti u l-konfiska tal-garanziji moghtija mill-appellant fl-imsemmija digrieti. Kwindi fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi ma ghandu jkun hemm ebda lok ghal varjazzjoni tal-piena erogata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur